**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Paul Bond)**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**Johan Dimech**

**Carmelo Ciappara**

**Kump Nru: 881/2010**

**Illum 2 ta' Dicembru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Johan Dimech, bin Carmelo u l-mejta Doris nee Cutajar, imwieled il-Pieta' fis-27 ta' April 1981 u joqghod 157, Psaila Street, B'Kara li ghandu numru tal-karta tal-identita' 349881(M); u Carmelo Ciappara bin il-mejjet Anthony u Vincenza nee Delia, imwieled tal-Pieta' ft-2 ta' Awwissu 1959 u joqghod Nru 1, Alley 11, St Lucy Street, Naxxar li ghandu karta tal-identita' numru 518659(M):

Akkuzati talli:-

Nhar it-12 ta' Gunju 2010 ghall-habta ta' bejn it-3.00a.m u l-5.00a.m, waqt li kontu fil-post maghruf bhala Fuego Bar li qiegħed fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar kif ukoll barra l-istess stabbiliment, minghajr il-hsieb li toqtlu jew li tqeghdi l-hajja f'periklu car ta' Michael Sammut u Joseph

Attard, volontarjament, wara li attakkajtu lill-imsemmija persuni u tghajtuhom diversi daqqiet fuq il-persuna taghhom, ikkagunajtu offizi ta' natura gravi fuq il-persuna tal-imsemmi Michael Sammut u dan kif gie ccertifikat mit-tabib Dr Nicholas Paul Delicata (Reg No 5178) tal-Isptar Mater Dei; kif ukoll offizi ta' natura hafifa salv komplikazzjonijiet fuq il-persuna ta' Joseph Attard u dan skont ma kif iccertifika Dr Mark Rosso MD (Reg No 2078) tal-Isptar Mater Dei;

U aktar talli fl-istess data, postijiet u hinijiet, volontarjament ikkagunajtu wkoll offizi ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet fuq il-persuna ta' Godwin Schembri u dan skont ma kif iccertifika Dr Nicholas Paul Delicata (Reg No 5178) tal-Isptar Mater Dei; kif ukoll offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Carmelo Borda u dan skont ma kif iccertifika it-tabib Dr Paul Scarrow MD (Reg No 3112) tal-Isptar Mater Dei

U aktar talli fl-istess data, postijiet u hinijiet ksirtu l-paci pubblika bl-ghajjat, glied jew b'mod iehor.

Fil-konfront ta' Johan Dimech wahdu

Talli sar recediv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputati sabiex jigu ggudikati minn din il-Qorti skont l-artikoli indikati fl-istess nota.

Rat li l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

Dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh gewwa l-Bar Fuego fil-Qawra nhar it-12 ta' Gunju 2010 bejn l-imputati u shabhom u grupp ta' securities. F'dan l-incident wegghu diversi persuni.

Mix-xhieda li tressqet, jista' jinghad li dan l-incident kien jikkonsisti fl-ewwel parti li sehhet fuq gewwa; filwaqt li t-tieni parti tkompliet fuq barra.

Ghal dak li jirrigwarda l-incident li sehh fuq gewwa jirrizulta li l-argument originarjament beda bejn certu Jimmy Muscat (li kien flimkien mal-imputati) u s-security Michael Sammut. Dan Jimmy Muscat ma tressaqx bhala xhud f'dawn il-proceduri. Jirrizulta mix-xhieda li beda jaghti fuq xi cash register u s-security mar ikellmu. Huwa evidenti li s-sitwazzjoni iddegenerat tant li dan Jimmy Muscat inhareg barra minn security u jidher li dawn spiccaw waqghu mal-art huma u hergin. Dan kollu xehdu PS 1314 Raymond Ambrogio li rahom. Kif dawn iz-zewg persuni kienu se jqumu, PS 1314 ra lil certu Noel ihebb ghal bouncer u lill-imputat Johann Dimech jipprova jhebb ghal bouncer izda ma rnexxilux ghaliex Joseph Attard (bouncer ukoll) intervjena. Dan pero' gara fuq barra. Ebda ufficcjal tal-Pulizija ma seta' jixhed dwar dak li gara fuq gewwa billi ma kienux ghadhom waslu fuq il-post.

Kif diga' gie rilevat, f'din il-glieda wegghu diversi persuni. L-imputati jinsabu akkuzati li kkagunaw (a) offizi ta' natura gravi fuq (i) Michael Sammut u ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet fuq (ii) Joseph Attard; u (b) offizi ta' natura hafifa fuq (i) Godwin Schembri u (ii) Carmelo Borda.

Minn certifikat mahrug minn Dr Delicata[1], debitament ikkonfermat bil-gurament mill-istess tabib, jirrizulta li Michael Sammut kellu lacerazzjonijiet f'wiccu, fuq irkupptejh, nefha fuq l-ghaksa x-xellugija u ksur tal-fibula (parti mill-ghaksa) tax-xellug. It-tabib qal li l-ksur huwa aktar kompatibbli ma' daqqa izda difficli wiehed ighid b'certezza.

Michael Sammut xehed li huwa kien qieghed jahdem bhala part-time security gewwa Fuego. Jiftakar li fil-gurnata inkwistjoni ghall-habta tat' 02:45/03:00 am dahal grupp ta' nies u jaf li wiehed minnhom ghandu taxi. Dan tal-ahhar beda jsabbat bil-banketta u jaghti fuq il-cash register. Ghalhekk ix-xhud mar fuqu bil-kelma t-tajba izda l-individwu kien arroganti. B'hekk ix-xhud ghajjat lil shabu ghall-ghajnuna. Sakemm dahlu

[1] Dok PB5

għalih mar wieħed jiġbidhom u huma u ħerġin barra bihom kien hemm xi ħadd miegħu li tefa' t-tazzi w il-flixken u laqtuh. Imbagħad ix-xhud daħal ġewwa u x'ħin daħal Johan Dimech taħ daqqa ta' banketta fuq nofs imnieħru u qisu bħal storda. Meta waqa' mal-art, l-imputat l-ieħor beda jixxuttjah. Bid-daqqiet saqajh spiccat miksura. Għamlulu l-ġibs u dam kważi tlett xhur ma jmur xogħol.

L-imputati jiċħdu l-versjoni mogħtija minn Michael Sammut u jsostnu li ma messewhx. Carmelo Ciappara jgħid li huwa kien ra lil Jimmy Muscat bilqegħda mal-bar jitkellem ma' Michael Sammut, imbagħad x'ħin deherlu Sammut qabad lil Jimmy Muscat minn għonqu u ġibdu 'l barra. Huwa għen lil Muscat iqum mill-art u huma u ħerġin Godwin Schembri sprenja f'għajnejn Muscat u kif ra hekk l-imputat Ciappara jgħid li telaq.

Johan Dimech xehed waqt li kien Fuego ma' sħabu, f'xi ħin ra lil Michael Sammut ikellem lil Jimmy Muscat. F'ħin minnhom Sammut dar u mexa, imbagħad reġa' dar u ġibed lil Muscat u waqqgħu mal-art. Daħlu erba' bouncers għalihom. Mar fuqu wieħed igħidulu l-Lupu ħebb għalih u huwa ddefenda ruħu. Huwa jsostni li ma kellux kuntatt ma' Sammut u qal ukoll li Godwin Schembri tefgħalu pepper spray.

Fix-xhieda tiegħu Joseph Attard (li huwa wieħed mill-allegati vittmi) igħid li kien hemm ċertu Jimmy Muscat jagħti mal-cash register. Dakinhar huwa kien xogħol security flimkien ma' Michael Sammut, Carmelo Borda u Godwin Schembri. Huwa u Godwin Schembri kienu fuq barra. F'ħin minnhom sħabhom talbu għall-assistenza billi fuq ġewwa ċertu Jimmy Muscat sar aggressiv. Telqu għal ġewwa u sakemm daħlu, ra li Michael Sammut kien mal-art jaqla' bil-banketta mingħand Carmelo Ciappara u l-imputat Johan Dimech jixxuttja go fih.

Minn dan kollu jirriżulta li hemm versjonijiet kunfliġġenti. Infatti bejn ix-xhieda ta' Michael Sammut u Joseph Attard diġa' hemm kunflitt serju, Sammut igħid li qala' daqqa ta' banketta mingħand Johan Dimech u Carmelo Ciappara ixxuttjah waqt li kien mal-art, Joseph Attard jixhed proprju bil-maqlub. Dan apparti ċ-ċaħda tal-imputati nfushom.

Il-Qorti tqis li minn qari tal-PIRS Report, li naturalment jirrispekkja l-versjonijiet mogħtija *a tempo vergine,* jirriżulta li Michael Sammut kien stqarr is-segwenti:

*The Police spoke with Michael Sammut who was duty security on the inside of the Fuego and he saw Jimmy Muscat hitting the cash register for no reason and stamping a bar stool and asked for assistance. He went to speak to him and was assaulted, thrown on the floor and beaten. He recognised Johan Dimech and Carmelo Ciappara as those who started hitting him while he was on the floor. He added that then he went out to help the others and could not do much as he was in great pain.*

Kwindi dakinhar Michael Sammut ma qalx li Johan Dimech tah bil-banketta, anzi l-banketta semmiha in relazzjoni ma' Jimmy Muscat. Qal li gharaf lill-imputati li bdew jaghtuh meta kien mal-art. Mhux biss, Joseph Attard kien stqarr:

*Joseph Attard stated that he was outside by the door and heard Michael calling for help and as soon as he went in he observed Jimmy Muscat hitting the cash register. Then the big person (J. Dimech) went from behind and assaulted him and a person who he did not identify tried to smash a glass in his face but he managed to avoid it. Then he saw Michael on the floor being hit by several people and after they went outside he was thrown on the floor and hit and was going to be pushed under a moving car.*

Tali dikjarazzjonijiet ma gewx kontradetti.

Il-Qorti rat ukoll ic-CCTV footage ezebit izda dan ftit tefa' dawl fuq dak li gara billi mhux daqstant car u l-individwi mhux facilment individwabbli.

Il-Qorti tqis li fir-rigward ta' Michael Sammut, ghalkemm minghajr dubju safa' mwegga' f'dan l-incident, ma jistax jigi konkluz li kienu l-imputati jew xi hadd minnhom li kkagunalu l-griehi sofferti minnu. Oltre dan lanqas gie stabbilit mill-provi li l-ksur fl-ghaksa kien rizultat ta' xi daqqa sofferta. Irid jigi rilevat ukoll li l-versjonijiet ta' Michael Sammut ma kienux dejjem konsistenti mhux biss inkwantu ghal min seta' wegghu, izda wkoll meta gie mistoqsi dwar l-uzu ta' pepper spray. Huwa cahad li seta' ntuza' xi pepper spray meta rrizulta anki mix-xhieda ta' ufficcjali tal-Pulizija li filfatt kien hemm uzu ta' pepper spray, anki jekk ma nstab l-ebda bott. Ukoll il-versjoni moghtija minn Joseph Attard li kien ukoll fuq gewwa tal-istabbiliment tkompli tixhet dubju dwar dak li gara. Meta xehed bil-gurament huwa qal li ra lil Carmelo Ciappara jaghti lil Sammut

daqqa ta' banketta, filwaqt li Dimech beda jtih bis-sieq. Dan huwa stramb meta dakinhar tal-incident huwa qal li ra diversi nies jaghtu bis-sieq lil Michael Sammut izda ma identifikax min kienu dawn in-nies.

Inkwantu ghal Carmelo Borda, il-Qorti ma tistax ma tinnotax kemm kien evaziv fix-xhieda tieghu u r-rakkont li ta dwar l-akkadut. Ghalkemm in atti gie pprezentat certifikat mediku li jirrigwardah, huwa qal li mar l-isptar u jista' jkun kellu xi brix imma ebda tbengil. Dan ix-xhud fl-ebda hin tax-xhieda tieghu ma implika lill-imputati jew lil xi hadd minnhom li kkagunawlu xi griehi. Mix-xhieda tas-surgent Ambrogio jirrizulta li l-imputat Carmelo Ciappara kellu kuntatt ma' Borda biss wara li Borda hebb ghalih.

Ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu, l-imputati mhux qed jinstabu hatja tal-ewwel imputazzjoni.

Inkwantu ghat-tieni imputazzjoni, ossia feriti fuq Godwin Schembri u Joseph Attard, Godwin Schembri ghazel li ma jixhidx biex ma jinkriminax ruhu. M'hemmx xhieda ohra li setghu jitfghu dawl fuq min ikkawza l-feriti fuq Schembri.

Inkwanti ghal Joseph Attard, ukoll gie prezentat certifikat mediku li juri li kellu xi griehi. Joseph Attard xehed li huwa ma jafx min ghamillu dawn il-griehi.

Ghalhekk l-imputati se jigu liberati minn tali imputazzjoni.

Inkwantu ghat-tielet imputazzjoni jirrizulta li din hija preskritta tenut kont li l-incident sehh fit-12 ta' Gunju 2010, l-akkuzi gew prezentati fir-Registru tal-Qorti fl-24 ta' Awwissu 2010 u l-ewwel dehra kienet fit-13 ta' Ottubru 2010 u ma gietx prezentata r-riferta ta' meta l-imputati gew notifikati bic-citazzjoni. Dan apparti l-fatt li kienet intalbet korrezzjoni fl-akkuza fid-9 ta' Frar 2011 w allura regghet inqrat u kwindi zgur huwa li t-terminu preskrittiv kien iddekorra.

Ir-raba' imputazzjoni ossija l-addebitu tar-recediva fil-konfront ta' Johan Dimech huwa konsegwenzjali ghal sejbien ta' htija ta' imputazzjoni u kwindi ma jistax jinstab hati tal-istess.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputati hatja tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u minnhom tilliberahom; filwaqt li tiddikjara bhala preskritta t-tielet imputazzjoni u inkwantu ghall-addebitu tar-recediva l-Qorti mhux qed issib lil Johan Dimech hati tal-istess u minnu tilliberah.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**